MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2005

Citazzjoni Numru. 492/2004

Citazzjoni Nru. 492 / 04NC

Kawza fil-lista: 28

**Emanuel Attard**
**Vs**
**Francis Camilleri**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

Premess illi l-attur ta appalt lill-konvenut sabiex jaghmillu xoghol ta' injam ghal appartament proprjeta' ta' l-attur;

Premess illi dan ix-xoghol kellu jitlesta u jigi kkonsenjat sa April 2003, liema data giet sussegwentement imgedda ghal 15 ta’ Mejju, 2003;

Premess illi sal-lum ix-xoghol ghadu ma tlestix u ghalhekk l-attur ma kellux triq ohra ghajr li jittermina l-appalt lill-konvenut;

Premess illi l-attur lehaq hallas il-prezz ta’ l-ghamara li l-konvenut qatt ma kkonsenja;

Premess illi l-konvenut gie debitament interpellat sabiex jirrifondi lura l-flejjes imhallsa mill-attur u sabiex jersaq ghal likwidazzjoni u hlas ta’ danni, izda baqa’ inadempjenti;

Ighid ghalhekk il-konvenut ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex prevja kull dikjarazzjoni li hija mehtiega skond il-ligi:-

1. Tiddikjara lill-konvenut sabiex ihallas is-somma ta’ erbat elef u hames mitt lira Maltija (Lm4,500), rifuzjoni tal-flus imhallsa mill-attur ghal xoghol ta’ ghamara li qatt ma gie kkonsenjat mill-konvenut;

2. Tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghad-danni sofferti mill-attur minhabba l-inadempjenza da parti tieghu fl-ezekuzzjoni ta’ l-appalt lilu moghti;

3. Tillikwida d-danni jekk hemm bzonn bl-opera ta’ periti nominandi;

4. Tikkundanna lill-konvenut ihallas dik is-somma li tigi likwidata mill-Qorti;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt in subizzjoni.

Rat li l-konvenut debitament notifikat fit-12 ta’ Mejju 2005 baqa’ kontumaci;

Rat li fis-17 ta' Ottubru 2005 il-konvenut prezenta rikors ghall-gustifikazzjoni tal-kontumacja, sabiex jigi awtorizzat jipprezenta nota ta' l-eccezzjonijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta' rikors prezentat mill-konvenut fis-17 ta' Ottubru 2005 huwa talab li jigi awtorizzat jipprezenta n-nota ta' l-osservazzjonijiet wara li ppremetta li, ghalkemm kien gie notifikat bl-att tac-citazzjoni "izda ma kienx konxju mill-fatt li jrid jipprezenta nota ta' eccezzjonijiet entro ghoxrin gurnata minn notifika tac-citazzjoni, izda haseb li kull ma kellu jaghmel huwa biss li jidher fil-Qorti dak in-nhar tas-seduta sabiex jikkontesta l-kawza."

Illi t-talba tal-konvenut m' ghandhiex tigi milqugha fuq zewg konsiderazzjonijiet:

[1] Fl-ewwel lok, ir-raguni li l-konvenut ma kienx konxju mill-fatt li kellu jipprezenta nota ta' l-eccezzjonijiet fi zmien ghoxrin gurnata mhijex wahda valida fil-fatt u fid-dritt, stante li fuq l-ewwel faccata that il-kelma "T W I S S I J A" hemm indikat b' mod car u prominenti l-obbligi ta' min jircevi att tac-citazzjoni, inkluz il-fakolta' tieghu li jipprezenta nota fiz-zmien "ghoxrin [20]" gurnata hemm indikata.

Inoltre, il-Qorti tesigi li minn jircevi att gudizzjarju ma' ghandux jittrattah b' mod legger daqshekk li lanqas jindenja ruhu jaqrah sewwa.

[2] Fit-tieni lok, ghalkemm fir-rikors tieghu l-konvenut sostna li huwa haseb li kull ma kellu jaghmel kien biss li jidher fil-Qorti dak in-nhar tas-seduta sabiex jikkontesta l-kawza, dan lanqas deher ghal dik is-seduta kif jirrizulta mill-verbal ta' l-udjenza tat-18 ta' Ottubru 2005.

Dan premess u kkunsiderat il-Qorti hi tal-fehma li l-konvenut ma rnexxielux jiggustifika l-kontumacja tieghu, anzi bil-fatt li naqas li jidher ghal-imsemmija seduta turi

kemm non kuranza kif ukoll kontumelja cara u manifesta da parti tieghu.

Ghal dawn il-motivi tichad it-talba tar-rikorrent, bl-ispejjez a kariku tieghu.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------